13

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 145/18/F

**Patrick u Rose Cutajar**

**vs**

**Chris Vella**

Illum, 2 t'Ottubru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Settembru, 2018 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf, u disa' mitt Ewro (€1,900), rappreżentanti l-prezz ta' xogħol t'għamara li kellu jagħmel l-intimat u li dan m'għamlux.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ordnaw xogħol t'għamara mingħand l-intimat u minkejja diversi interpellanzi u wegħdiet, dana qatt m'għamel dan ix-xogħol u spiċċaw tawh il-flus.

It-Tribunal, jinnota li l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, permezz ta' l-Affissjoni, u fuq Gazzetta tal-Gvern u Gazzetta Lokali.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf u disa' mitt Ewro (€1,900), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**